**MINISTERU TA' L-INTERN**
**TAQSIMA PROPRJETA' TAL-GVERN**
**Auberge de Baviere, Valletta**

# SKEMA BIEX TINGĦATA QBIELA LIL MIN QIEGĦED JAĦDEM ART AGRIKOLA TAL-GVERN

1. Applikazzjonijiet taħt din l-iskema jiġu aċċettati sa nofs in-nhar tal-31 ta' Jannar 2001 fil-Berġa tal-Baviera, bil-kundizzjonijiet li ġejjin. L-applikazzjonijiet jkunu jistgħu jinġabru mill-istess post, mill-Uffiċċju Konġunt, u mid-Dipartiment tal-Agrikoltura, u mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali mit-18 ta' Settembru 2000 il-quddiem.

2. a) L-ebda applikazzjoni ma tista' ssir għal aktar minn qatgħa waħda.

   b) Din l-Iskema tapplika għal kull art tal-Gvern, inkluża dik amministrata mill-Uffiċċju Konġjunt.

3. Art agrikola hija dik li qegħda tinħadem u tagħti wiċċ.

4. Art tista' tkun kemm saqwi u kemm bagħli.

5. Art xagħri tista' tiġi nkluża fl-applikazzjoni sakemm tkun imdawra b'art tal-gvern li tkun qegħda tinħadem. Il-kejl totali ta' kull biċċa art xagħri nkluża f'applikazzjoni waħda ma tistax taqbeż it-30% tal-qatgħa kollha.

6. L-ebda applikazzjoni ma tista ssir fuq art li qabel/sa l-1 ta' Jannar 2000 kien fiha siġar jikbru fiha. Dan ma jgħoddx għall-art li tintuża għall-Ortikoltura jew bħala 'nursery', jew biex jitkabbru siġar tal-frott jew dwieli.

7. Strutturi jistgħu jiġu nklużi fl-applikazzjoni jekk :-

   (i) huma fiżikament parti mill-qatgħa li ser tintalab qbiela fuqha;
   (ii) m'humiex akbar minn 30 metru kwadru fil-firxa tagħhom;
   (iii) jintużaw għal ħażna ta'għodda tar-raba jew uċuħ, jew biex l-applikant ikollu fejn jistkenn mill-elementi. (mhux residenza)

8. Dawk l-istrutturi li huma akbar minn 30 metru kwadru u jissodisfaw il-kondizzjonijiet 7(i) u 7(iii) jistgħu wkoll jiġu nklużi jekk huma koperti bil-permess tal-bini jew jidhru fuq l-*Ordinance Survey Sheet* tal-1989.

9. Dan mhux permissibli għal kwalunkwe tip ta' struttura oħra kif ukoll għal xi parti mill-qatgħa li fuqha jkun hemm servitu.

10. Jistgħu jiġu nklużi wkoll f'kull applikazzjoni ġwiebi u serer li jeżistu fil-qatgħa.

11. L-għotja ta' qbiela taħt din l-iskema ma jfissirx li l-applikant jista' ma japplikax għal xi permess ieħor rikjest mill-Liġi.

12. Wara l-31 ta' Jannar 2000, il-pubbliku jkun jista' jeżamina l-applikazzjonijiet għal żmien ta' mhux anqas minn xahrejn.

13. Dawk kollha li jiġu rikonoxxuti fil-qbiela taħt din l-iskema jkunu magħrufa fir-Reġisrtu tal-Artijiet bħala l-bidwi uffiċjali, u għal dan il-għan, isimhom jitniżżel fuq iċ-ċertifikat li joħroġ mill-istess Reġistru.

    Dan iservi biex l-bidwi uffiċjali jingħata preferenza fuq applikanti oħra, jekk il-Gvern f'xi żmien fil-ħmistax il-sena ta' wara jiddeċiedi li jbiegħ jew jagħti b'ċens din l-istess art.

    L-isem imniżżel fuq iċ-ċertifikat tar-Reġistru ta' l-Artijiet ma jagħti ebda dritt lill-kerrej għal drittijiet ta' proprjeta` u/jew xi dritt ieħor li jirriżulta mill-Att dwar ir-Reġistru tal-Artijiet (Kap 296) jew minn xi liġi oħra li tirregola d-drittijiet ta' proprjeta`.

14. Din l-iskema ma tagħti l-ebda dritt, imma hija sempliċi konċessjoni. Għaldaqstant kull deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet hija finali u ma tistax tkun soġġetta għal xi proċeduri legali. L-applikazzjoni nnifisha tfisser li kull applikant lest li joqgħod għal kull kundizzjoni ta' din l-iskema, inklużi dina.

15. Art mqabbla taħt din l-iskema trid tintuża biss għal skop agrikolu. Jekk il-kerrej ma josservax din il-kondizzjoni, jista` jiġi żgumbrat mill-art, apparti li jeħel Lm10 kull jum li fih ma josservax din il-kondizzjoni.

    Peress illi din l-Iskema hija awtorizzata mill-Parlament <u>biss</u> jekk l-art tkun esklussivament maħduma għal skop agrikolu, l-applikant jaċċetta li f'każ li dil-kondizzjoni ma tiġix osservata, tali non-osservanza tintitola lill-Gvern li ma jġeddidx il-kirja minħabba skop pubbliku ai termini tal-artikolu 20 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta u meta ma tiġġeddidx il-kirja, il-Kummissarju ta' l-Artijiet ikun jista` jiżgombra il-kerrej taħt il-provvedimenti tal-Att dwar Żgumbrament tal-Artijiet (Kap 228).

**<u>Fil-każ ta' dawk li jaħdmu raba tal-gvern mingħajr ma huma rikonoxxuti bħala kerrejja.</u>**

16. Jistgħu japplikaw biss dawk li jkunu ilhom jaħdmu l-art għal tal-anqas sentejn qabel ma japplikaw.

17. Mal-applikazzjoni, jridu jiġu preżentati :

    (a) Ċertifikat tad-Dipartiment tal-Agrikoltura li l-art veru qegħda tinħadem;
    (b) dikjarazzjoni ġuramentata tal-applikant li turi t-tul ta' żmien li l-istess applikant ikun ilu jaħdem l-art;
    (c) pjanta tal-art iffirmata minn perit;
    (d) dikjarazzjoni tal-istess perit li tagħti l-kejl tal-art u ta' xi struttura li teżisti fuqha skond kif imsemmi f'paragrafi 7 u 8.

    Il-pjanta mitluba f'paragrafu (c) trid tkun *Registration Plan* akkwistata mir-Reġistru tal-Artijiet. Id-Dipartiment tal-Artijiet għandu d-dritt jitlob pjanta aktar dettaljata jekk tinħass il-ħtieġa.

    Il-kejl mitlub f'paragrafu (d) ma jinkludiex il-ħxuna tal-ħitan tas-sejjiegħ.

    Irid ikun hemm biżżejjed qisien fuq il-pjanta biex ikun jista' jinqabad qsim li ma jeżistix fiżikament imma li jkun jidher fuq l-istess pjanta.

18. Kull struttura nkluża fl-applikazzjoni trid tiġi murija fuq pjanta mpinġija bi skala kbira.

19. Fejn l-applikazzjoni tkun għal xi parti minn qatgħa, li l-kumplament tal-istess qatgħa hija maħduma minn nies li għandhom qbiela mingħand il-gvern, trid tiġi preżentata dikjarazzjoni ta' dawn tal-aħħar li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni. Din id-dikjarazzjoni trid tiġi ffirmata quddiem Avukat, Nutar Pubbliku jew Prokuratur Legali u fil-każ li xi wieħed minn dawn jkun rappreżentant ta' minuri, hemm il-bżonn ta' digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili li jawtorizza tali dikjarazzjoni.

20. Titħallas is-somma ta' ħamsin lira Maltin [Lm50] ma kull applikazzjoni.

21. Applikazzjoni ma tippreġudika l-ebda dritt li l-gvern seta kellu minn xi kirja jew użu tal-art li seta kien hemm qabel l-istess applikazzjoni. Arretrati jew xi kumpens li seta kien dovut irid jiġi mħallas qabel ma l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata.

22. Jekk jiġi deċiż li l-applikazzjoni tintlaqa:

    (a) il-qbiela tkun ta' erba liri Maltin [Lm4] għal kull tomna jew parti minnha. Kumpens għaż-żmien li l-art kienet tinħadem mingħajr titlu jitħallas bil-lira Maltija [Lm1] it-tomna jew parti minnha.
    (b) fil-każ ta' strutturi li l-kejl tagħhom huwa ta' aktar minn tletin (30) metru kwadru, titħallas qbiela ta' tlett liri Maltin [Lm3] għal kull metru kwadru aktar mill-ewwel tletin.

    L-ebda qbiela ma titħallas għal dawk l-istrutturi msemmija f'paragrafi 7 u 10.

**<u>Fil-każ ta' dawk li għandhom raba tal-gvern imqabbla għandhom.</u>**

23. Jistgħu japplikaw biss dawk li għandhom il-qbiela mħallsa sal-1 ta' Jannar 2000 u għal dan il-għan, iridu jipprovdu riċevuta.

24. Fejn l-applikazzjonijiet jsiru minn bdiewa li sal-1 ta' Jannar 2000 kellhom qatgħa mikrija għandhom *'in solidium'*, u issa jixtiequ illi jkunu rikonoxxuti individwalment, trid tiġi preżentata dikjarazzjoni li biha l-bdiewa kollha rikonoxxuti f'dik il-qatgħa jaqblu mal-qasma. Din id-dikjarazzjoni trid tiġi ffirmata quddiem Avukat/Nutar Pubbliku jew Prokuratur Legali, u fil-każ li xi wieħed minn dawn ikun rappreżentant ta' minuri, hemm il-bżonn ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili li jawtorizza tali dikjarazzjoni.

25. Mal-applikazzjoni, jridu jiġu preżentati :

    (a) Ċertifikat tad-Dipartiment tal-Agrikoltura li l-art veru qegħda tinħadem;
    (b) pjanta tal-art iffirmata minn perit;
    (c) dikjarazzjoni tal-istess perit li tagħti l-kejl tal-art u ta' xi struttura li teżisti fuqha skond kif imsemmi f'paragrafi 7 u 8.

    Il-pjanta mitluba f'paragrafu (b) trid tkun *Registration Plan* akkwistata mir-Reġistru tal-Artijiet. Id-Dipartiment tal-Artijiet għandu d-dritt jitlob pjanta aktar dettaljata jekk tinħass il-ħtieġa.

    Il-kejl mitlub f'paragrafu (c) ma jinkludiex il-ħxuna tal-ħitan tas-sejjiegħ.

    Irid ikun hemm biżżejjed qisien fuq il-pjanta biex ikun jista' jinqabad qsim li ma jeżistix fiżikament imma li jkun jidher fuq l-istess pjanta. Il-pjanta trid tiġi ffirmata ukoll mill-bdiewa kollha rikonoxxuti f'dik il-qatgħa, kif ukoll mill-perit li jagħmilha b'mod li l-firma tiegħu sservi bħala xhud tal-firma.

26. Kull struttura nkluża fl-applikazzjoni trid tiġi murija fuq pjanta mpinġija bi skala kbira.

27. Titħallas is-somma ta' tletin lira Maltin [Lm30] ma` kull applikazzjoni.

28. Applikazzjoni ma tippreġudika l-ebda dritt li l-gvern seta kellu minn xi kirja jew użu tal-art li seta kien hemm qabel l-istess applikazzjoni. Arretrati jew xi kumpens li seta kien dovut irid jiġi mħallas qabel ma l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata.

29. Jekk jiġi deċiż li l-applikazzjoni tintlaqa:

    (a) il-qbiela tkun ta' erba liri Maltin [Lm4] għal kull tomna jew parti minnha.
    (b) fil-każ ta' strutturi li l-kejl tagħhom huwa ta' aktar minn tletin (30) metru kwadru, titħallas qbiela ta' tlett liri maltin [Lm3] għal kull metru kwadru aktar mill-ewwel tletin.

    L-ebda qbiela ma titħallas għal dawk l-istrutturi msemmija f'paragrafi 7 u 10.

---

**NOTA:** Id-data tal-għeluq ta' din l-Iskema eventwalment kienet ġie estiża sat-28 ta' Frar 2001.